MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2014

Numru. 737/1998

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Bartolo**

**VS**

**Mario Aquilina, iben Paul u Vivianne nee' Seychell imwieled Tal Pieta' nhar it-30 ta' Gunju, 1963, residenti fil-fond numru 54, St Catherine Street, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita' numru 335963M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Mario Aquilina** li gie akkuzat talli:

- Nhar l-20 ta' Frar, 1998, u matul ix-xhur ta' qabel, b'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, u cioe'

vettura bin-numru tar-registrazzjoni B – 7268, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghha jew imexxieha.

Rat illi moqrija l-istess akkuza, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-istess.

Rat ukoll illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-istess.
Rat l-atti kollha tal-kawza, u kkunsidrat:

Illi l-provi migjuba ser jigu hawn riprodotti in ezami tal-akkuzi migjuba.

L-Ispettur Carmelo Bartolo xehed illi waqt spjezzjoni li ghamlu ghall-gharrieda go garaxx gewwa Tal Habbiez, Hal Qormi, proprjeta' tal-imputat, hemm sabu Renault Campus kulur blu/griz metallic, li ma kellhix numru tax-chassis. L-istess vettura lanqas kellha magna - li fil-fatt instabet minnhom f'garage iehor fil-vicinanzi, moghtija lilhom mill-istess Aquilina. Qal l-istess Spettur illi sussegwentement l-imputat anke rrilaxxa stqarrija, ezebita bhala Dok CB a folio 21, ikkonfermata minn PC 197 Joseph Bonnici. Xehed fuq dak illi qallhom l-istess imputat fl-istqarrija. Xehed ukoll illi kien irrizultalu li certu Stephen Borg kien ghamel rapport illi l-vettura tieghu – B-7268, kienet giet misruqa.

PS 562 Anthony Portelli minn naha tieghu, xehed illi kien akkumpanja lill-Ispettur Bartolo fit-tfittxija fil-garage. Xehed dwar is-sejba hemm tal-vettura Renault Campus ta' lewn blu li ma kellhix number plates imwahhlin u lanqas magna. Xehed illi fuq spezzjoni nstabu fil-karozza pjanca wahda biss, bin-numru ta' registrazzjoni B-8408. Qal ukoll illi f'din il-vettura ma sabux chassis number. Qal illi elevaw ukoll magna ohra minn garaxx illi kien jaghmel uzu minnu l-imputat.

PS 364 Joseph Mangani ezebixxa l-kopja tal-okkorrenza tas-serq ta' vettura ta' Steve Borg, cioe' ir-Renault bin-numru tar-registrazzjoni B-7268.

Brian Farrugia ghall-Licensing Office, xehed fuq il-pjanca B-7268 tal-marka Renault ta’ kulur metallic blu, li kienet tghajjat lil certu Steve Borg. Xehed illi din kienet giet irrapuratata mill-istess Borg bhala misruqa. Xehed illi l-vettura ta’ kulur light blue bin-numru tar-registrazzjoni B-8408 kienet tal-marka Renualt 5, u kienet tghajjat lil certu Alan Desira, u li kienet giet skreppjata minn is-7 ta’ April, 1996.

Minn naha tieghu Stephen Borg xehed illi l-kaz kriminali kontra tieghu kien konkluz u definit. Xehed illi hu kien proprjetarju ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni B-7268. Qal illi kien ghadu kif xtara din il-vettura meta tilef il-kontroll taghha u dahal go hajt biha. Din kienet Reunalt Campus ta’ kulur blu metallic. Qal illi din kien xtraha versu l-prezz ta’ elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500.00), second hand, u kienet inxurjata ma’ Gasan. Qal illi meta dahal go hajt biha, warajh kellu lil wiehed jismu Charlot, li pero ma kinx jaf kunjomu. Dan kien qallu li kien jaf xi nies li setghu jirrangawlu l-karozza. Ghalhekk dan gibidlu din il-vettura quddiem id-dar tieghu. Kien skondtu dan Charlot illi kien qallu li kellu jikklejmja mill-insurance ghax kellu hafna spejjez. Aktar tard skondtu, dan l-istess Charlot kien anke qallu li kien helsu minn din il-vettura. Dan Borg staqsieh x’jigifieri, u skondtu dan Charlot wiegbu li kien haraqha wiehed. Ghalhekk dan Borg xehed illi kien ghamel rapport falz li kienet giet misruqa. Gie rimbursat mill-insurance.

Ghalhekk Paul Sciberras, ghall-agenzija Gasan Mamo, xehed illi l-istess insurance kienet irrimbursat lil Steve Borg ta’ serq tal-vettura Renault Campus ghas-somma ta’ elfejn u mitt lira Maltin (Lm2,100.00). Din kienet il-vettura B-7268.

Ikkunsidrat:

Illi kif gie espost, l-imputat irrilaxxa stqarrija, dak iz-zmien minghajr id-dritt ta’ assistenza legali. Kellu l-eta’ ta’ erbgha u tletin(34) sena. Giet ezebita wkoll il-fedina penali tieghu,

Dok CB folio 36 – fedina li fil-verita' ma tirriflettix xi rifratterija fil-karattru tal-imputat, pero xorta mhix netta.

Illi l-Qorti taghmel referenza ghal hafna sentenzi spiss citati, li jirriflettu l-izviluppi li saru fil-konfront tal-ammissibilita' ta' stqarrija mehuda minghajr id-dritt ta' assistenza legali. Ticcita wahda li skondtha taghti parametri cari meta u fejn ghandha tigi accettatata l-istqarrija mehuda f'sitwazzjoni bhal din in ezami, ghalhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-decizjoni "Il-Pulizija vs Paul Cutajar", tat-18 ta' Gunju, 2013 moghtija mill-Imhallef Dr Michael Mallia, qalet hekk:

"*Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata 'l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjont jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.*"

In vista' ta' dak espost, il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tezamina l-istess stqarrija, biex tara jekk l-istess issibx xi korraborazzjoni max-xhieda gia' ezaminati, jew ahjar jekk ix-xhieda prodotti joffrux xi kollaborazzjoni ma' dak mistqarr mill-imputat. Ovvjament din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju dwar il-validita' tal-istqarrija, kif mehuda taht il-Ligi vigenti dak iz-zmien.

Ghalhekk Mario Aquilina, dwar ir-Renault Campus, qal illi din giet ghandu minghajr seats u fiha kien hemm pjanca bin-numru ta' registrazzjoni B-8408. Qal illi din kien xtraha minghand certu Alan Desira. Xtraha ghas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500.00), nonostante li dan Desira kien qallu li fuqha kien ghamel claim mal-insurance.

Xtraha biss ghall-parts ghax kellu f'mohhu jixtri Renault Campus ohra. Zied illi s-seats tal-karozza li xtara kienu maqlughin ghax Alan Desira kien hadhomlu ghax baqa' ma hallasx. Dwar ix-chassis number qal illi hu ma kinx jaf illi kien nieqes.

Innega li hu kien jaf li n-numru B-8408 ma kinx tar-Renault li xtara.

Ikkonsidrat:

Bla dubbju allura x-xhieda prodotta verament tikkorrabora dak illi qal l-imputat fl-istqarrija - illi Steve Borg kellu Renault Campus misruqa u tidher aktar tard misjuba ghand l-imputat. Din il-karozza giet ghand l-imputat minn certu Alan Desira li gia' fuq ismu kellu vettura Renault bin-numru tar-registrazzjoni B-8408 - pjanca li nstabet fil-vettura li nstabet ghand l-imputat. Dawn id-dettalji xehdhom Brian Farrugia mid-Dipartiment tal-Licenzji. L-istess Steve Borg jixhed illi l-vettura tieghu taparsi misruqa, kienet soggetta ghall-insurance claim. Dan l-imputat jghid illi kienet hekk suggetta fuq informazzjoni li tah lilu Alan Desira.

Illi fil-fatt din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala hi m'ghandhix temmen dak illi qal l-imputat fl-istqarrija tieghu, ghax frankament huwa kien korraborat mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi Mario Aquilina gie akkuzat ukoll bir-reat ta' ricettazzjoni, taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan jaqra:

"*Kull min f'Malta xjentement jilqa' għandu jew jixtri ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, jeħel, meta jinsab ħati.*"

Allura kien zbaljat l-Avukat Difensur meta llimita l-provenjenza tal-oggett suggett tar-reita' - f'dan il-kaz il-vettura, ghall-provenjenza tieghu biss mis-serq. Anzi d-dicitura tal-Ligi hija cara fejn tghid illi l-proprjeta' *de quo* trid tkun tali li tkun akkwistata jew mir-reat ta' serq – frodi, jew mehuda b'qerq, jew del resto ta' reat iehor. Certament l-akkwist tal-vettura minn Aquilina kien imcappas bir-reat ta' qerq – frodi, versu s-socjeta' assiguratrici – l-insurance.

L-Artikolu in ezami – l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, irid ukoll illi l-agent ikollu x-xjenza tal-provenjenza tal-proprjeta'. Certament Aquilina kien jaf b'dan!

Ghaldaqstant din il-Qorti, issib lil Mario Aquilina hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Dwar il-piena qieset, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, anke tal-kollaborazzjoni tal-imputat, u qieghda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) xhur mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------